# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru: 341/2015 CSH**

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

**vs**

**Robert Gauci Mazzelli (49780M)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' ghaxart elef, hames mija u disgha w sebghin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€10,579.33) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' prodotti u merkanzija mibjugha u konsenjata lid-debitur mill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Carrmen Cutajar datat 16 ta' Dicembru 2015 fejn thalliet kopja ta l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 5).

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2016 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-8 ta' Jannar 2016.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2016 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghaxart elef, hames mija u disgha w sebghin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€10,579.33) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru li gew prezentati kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghax jiddekorri mid-data tal-konsenja.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**